# QORTI CIVILI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Nhar l-Erbgha 28 t'Ottubru 2015

## Mandat Numru : 217/2015/1 JPG

**Helna mart Raymond Bartolo (I.D.503175M)**

**VS**

**Raymond sive Ramon Bartolo (I.D. 264872M)**

**bin Francis u Caterina nee Borg imwieled Attard**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors Helna Bartolo tat-28 ta' Settembru 2015 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli b'xi mod jittrasferixxi bi kwalsiasi titolu jew jiddisponi jew jikkea xi piz jew jipoteka l-fond numru disgha u hamsin (59) bl-isem Woodbine fi Triq in-Nissieg, Naxxar, liema dar giet mibnija fuq porzjon art akkwistata mill-intimat b'kuntratt datat 9 ta' Awwissu 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri.*

*Peress illi kontestwalment ma dan ir-rikors, l-esponenti ntavolat kawza ghas-separazzjoni personali kontra l-intimat.*

*Peress illi fl-imsemmija kawza ta' separazzjoni, l-esponenti qed titlob inter alia li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-fond fuq imsemmi jitqies li huwa taghha u ta' zewgha fi kwoti ugwali stante li ghalkemm l-art li fuqha nbniet id-dar fuq imsemmija giet akkwistata mill-intimat qabel iz-zwieg, kien hemm ftehim li din tkun tat-tnejn u tkun id-dar taz-zwieg tant li l-esponenti anke hallset personalment lil bosta mill-vendituri parti mill-prezz ta' akkwist ta' l-art u anke l-ispejjez notarili tal-kuntratt ta' akkwist.*

*Peress illi inoltre l-insemmija dar fil-fatt tikkostitwixxi d-dar matrimonjali tal-partijiet.*

*Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta'inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija"*

Rat id-digriet tat-28 ta' Settembru 2015 illi bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-15 t'Ottubru 2015 fis-1:15pm.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lil kontro parti skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Raymond Bartolo tal-1 t'Ottubru 2015 li taqra hekk:

*"Illi l-mandat mitlub ma ghandux jigi mahrug u l-ordni tat-28 ta' Settembru 2015 illi bih gie milqugh provizorjament ghandha tigi revokata u dan ghar-ragunijiet segwenti;-*

1. *Illi fl-ewwel lok, l-esponent jirrileva illi hekk kif gie ddikjarat fl-istess mandat il-proprjeta' bin-numru 59, bl-isern "Woodbine" li tinsab fi Triq in-Nissieg, Naxxar hija d-dar matrimonjali tal-partijiet u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 3A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Mata, din il-proprjeta' ma' tistax tigi trasferita lill-*

*terzi hlief bil-kunsens taz-zewg partijiet jew bl-awtorizazzjoni tal-Qorti kompetenti ;*

2. *Illi ghalhekk jsegwi illi dan il-mandat sar inutilment u b'mod frivolu stante illi l-istess Artikolu tal-ligi hawn fuq imsemmi jipprovdi rimedju specifiku sabiex jigi salvagwardjat id-dritt tar-rikorrenti;*

3. *Illi l-esponent joggezzjona bil-qawwa illi d-dar in kwistjoni tappartjeni lill-kontendenti fi kwoti indaqs bejniethom u dan kif ser jigi ppruvat u trattat waqt il-kors tal-kawza ta' separazzjoni f'kaz illi tali allegazzjonijiet jerghu jigu msemmija fl -istess proceduri ;*

4. *Illi l-esponent m'ghandux jbati l-ispejjez."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda prodotta mir-rikorrenti Helna Bartolo, jirrizulta illi meta l-kontendenti kienu gharajjes, l-familja tal-intimat offrew lill-istess gharrajjes l-opportunita' li "jixtru" bicca art sostanzjali bi prezz baxx hafna ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000).

L-attrici xhedet illi anke meta kienu gharrajjes hija kienet halset ghal "nofs" il-prezz tal-art u ghalhekk minkejja li ma ffirmatx il-kuntratt u minkejja li l-art nxtrat minn zewgha l-intimat qabel iz-zwieg, nofs l-art li fuqha nbniet id-dar matrimonjali, kienet taghha – Vide fol. 6.

L-attrici ezebiet fotokopja ta' *booklet* li fih kienet kitbet notamenti ta' dak li hallas l-intimat u dak li thallas minnha.

L-attrici tichad li l-art kienet moghtija lill-intimat b'dak il-prezz baxx 'lghaliex l-intimat kien jiehu hsieb ta' missieru u minhabba li kien hallas l-ispejjez tal-funeral tieghu. Jirrizulta minn fol. 5 illi l-intimat kien wiehed minn ghaxar ahwa.

L-intimat xhed illi kienet x-xewqa ta' missieru , minhabba li huwa kien "iz-zghir" ta familja numeruza, li jkollu dar fejn joqghod li tkun vicin tad-dar tal-genituri. In fatti l-art in kwistjoni kienet tifforma parti mill-art u gonna tad-dar tal-genituri.

L-intimat xhed illi parti mill-ftehim kien li huwa jhallas *"l-affarijiet tal-mewt ta' missieri"* – a fol. 10, fil-fatt huwa xtara l-art in kwistjoni qabel iz-zwieg, bil-prezz ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000). Din kienet l-art li fuqha eventwalment inbniet d-dar matrimonjali. Huwa xhed illi din l-art kienet tiswa bejn erbghin u hamsin elf liri Maltin dak iz-zmien.

L-intimat xhed illi hu kien ghen lil hutu fil-bini ta' djar taghhom u ghalhekk sab l-ghajnuna meta gie biex jibni d-dar tieghu (a fol. 11).

L-intimat sostna illi minkejja li r-rikorrenti kienet hallset xi ammonti hu kien hareg *"hafna hafna aktar"* a fol. 12 apparti li l-valur tal-mano d'opera tieghu u ta hutu ma kienitx kalkolata fin-notamenti tar-rikorrenti (a fol. 13)

L-intimat xhed li kien veru li missier ir-rikorrenti kien qieghed il-madum tad-dar matrimonjali. L-intimat kompla jghid illi martu kienet hadet il-*file* kollu tad-dar; kien jaf illi hija kitbet xi hlas li tghid li ghamlet lil hutu izda dawn qatt ma kkonfermaw tali hlas; di piu asserixxa illi kien hemm hafna affarijiet li ma kienux tnizzlu. L-intimat jsostni illi hu kien hallas lin-Nutar dwar l-art li kien xtara qabel iz-zwieg (a fol. 14).

L-intimat ma kienx jaf r-raguni 'l ghaliex kien tnizzlu xi ammonti li allegatament nghataw lil hutu. Di piu' hutu qatt ma kkonfermaw li rcevew l-hlas minn ghand ir-rikorrenti.

A fol. 15, l-intimat xhed illi wiehed minn hutu kellu problemi bil-kumpanija tieghu u dawwar d-dar u l-proprjeta' tieghu fuq il-kontendenti. Meta gew biex jerghu jghaddu il-proprjeta' lil huh, ir-rikorrenti nsistiet li huh jiffirma li hija kienet hallsitu s-somma ta'

sebgha u hamsin liri Maltin (Lm57) ghax-xiri tal-art li fuqha mibnija d-dar tal-kontendenti, a fol. 15 u 16.

Din il-Qorti rat u ezaminat Dok HBZ a fol. 22 et seq li jikkontieni notamenti ta' *items* li gew imhallsa allegatament minn wiehed jew l-iehor mill-kontendenti. Fosthom hemm nota allegatament tar-rikorrenti dwar hlas minnha maghmul, ghan-Nutar u ghat-Taxxa fl-ammont ta' mitejn u wiehed u disghin liri Maltin (Lm291); u notamenti ohra dwar allegat hlas mir-rikkorrenti t'ammonti ta' sebgha u hamsin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm57.75) lil tmienja minn hut l-intimat - Vide fol. 23 u 24.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie,* l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju **"li ma jkunx jista' jigi irrimedjat".**

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus.** Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-degriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza **fit 13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** :

> ***"Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi"*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003**.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. –vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Dan il-mandat qieghed jintalab sabiex din il-Qorti tinibixxi lill-intimat milli jitrasferixxi d-dar matrimonjali u sabiex ***"inter alia"*** il-Qorti ***"tiddikjara li l-art li fuqha inbniet d-dar fuq imsemmija giet akkwistata mill-intimat qabel iz-zwieg..."*** , u kienet ***"bi ftehim li din tkun ghat-tnejn"*** **tant li r-rikorrenti "*anke hallset personalment lil bosta mill-vendituri parti mill-prezz."***

Mill-gurisprudenza fuq citata jidher car illi r-rekwizit ta' dritt *prima facie* jrid ikun wiehed li jfegg jew li jimmanifesta ruhu mad-daqqa t'ghajn.

Din il-Qorti taghraf illi fil-kaz odjern **dan r-rekwizit huwa assenti ghall kollox**.

Dan qieghed jinghad 'l ghaliex isem ir-rikorrenti ma jidher mkien fuq l-kuntratt tal-akkwist tal-art inkwistjoni. Irid jinghad ukoll li *cosi detti* pagamenti tar-rikorrenti fl-ammont ta' sebgha u hamsin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm57.75) ma jaghmel ebda sens fid-dawl tax-xhieda minnha asserita.

Ghaliex? 'L ghaliex r-rikorrenti tghid illi l-prezz ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000) kellu jithallas kwantu ghall- elf liri Maltin (Lm1,000) lil genituri u kwantu ghall-elf liri Maltin (Lm1,000) lil hut l-intimat li kienu ghaxra.

Ghalhekk jekk saru xi pagamenti lil hutu dawn il-pagament kellhom ikunu ta' mija u hdax il-liri Maltin (Lm111) ghal kull wiehed mid-disa' ahwa tal-intimat – Ghalhekk s-somma ta' sebgha u hamsin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm57.75) hija stramba ghall-ahhar. Forsi aktar stramb huwa kif ir-rikorrenti, ghaliex tghid li hallset is-somma ta' erbgha mija u tnejn u sittin liri Maltin (Lm462) (Lm57.75 x 8), tippretendi li l-Qorti ghandha tafferma li hija hallset nofs il-prezz tal-art. Dak li jirrizulta lil din il-Qorti huwa li kull notament t' allegat hlas fil-fotokopji tal-*booklet* ezebit mir-rikorrenti

huma notamenti maghmula unilateralment u ebda pagament tar-rikorrenti, reali jew fittizju, ma huwa ser issarraf legalment fi dritt reali fuq proprjeta'.

Din il-Qorti ezaminat ukoll rekwiziti tal-htiega tal-hrug tal-mandat u l-hsara rremedjabbli sofferta mir-rikorrenti fin-nuqqas. Anke f'dan ir-rigward, jirrizulta ampjament li dan ir-rekwizit huwa mankanti addirittura. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex l-Artikolu 3A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jistipola li d-dar matrimonjali, (kif inhu l-fond mertu tar-rikors) ma tistghax tigi trasferita lil terzi hlief bil-kunsens tal-konjugi, jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti.

Ghalhekk il-protezzjoni tad-dar matrimonjali kontra t-trasferiment johrog *ex lege*.

**Din il-Qorti ma tisghax ma turix it-thassib taghha li dawn il-proceduri kienu ntizi biss sabiex jigu kreati u rikonoxxuti gudizzjarjament drittijiet li ma jezistux.**

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi ebda wiehed mir-rekwiziti tal-Artikolu 873 tal-Kapitolu 12, ma gew pprovati skond il-ligi fuq bazi ta' *prima facie*;

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi :

Tilqa l-eccezzjonijiet tal-intimat;

Tichad t-talbiet tar-rikorrenti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moghti kameralment fit-28 t'Ottubru 2015**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**